MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 297/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-6 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Marzu 2000, u liema zwieg gie celebrat bir-rit Kattoliku fis-7 ta' Lulju 2001 fil-Knisja Parrokjali ir-Rabat, u minn liema ghaqda ma twieldu ebda tfal; u

Illi ghal dan iz-zwieg il-konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-kuntratt taz-zwieg bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali, jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghal att taz-zwieg, izda ghamlet dan bi skop unikament qarrieqi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga taghha u jew b’anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddecidi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tad-19 ta’ Ottubru, 2005 u l-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru, 2005 illi permezz tieghu l-konvenuta giet awtorizzata tipprezenta l-eccezzjonijet taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fis-16 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu li qed jaddebitaw xi tortijiet lill-eccipjenti huma infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi mhux minnu li hi hija hatja ta’ qerq jew ta simulazzjoni kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni;

3. Illi iz-zwieg bejn il-kontendenti hu null stante li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u jew b'anomalija psikologika serja li jaghmilha impossibbli ghall-istess attur li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni;

4. Illi hi m'ghandhiex tbati ebda spejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavit tal-attur.

Rat l-affidavits ta'hames persuni prodotti mill-attur;

Rat l-affidavits tal-konvenuta u ta' erbgha persuni ohra prodotti mill-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Jannar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Marzu, 2000 a bazi ta' l-artikolu 19 (1) (d), u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta tikkontesta t-talba kif dedotta izda taqbel li z-zwieg ghandu jkun dikjarat null ghal ragunijiet imputabbli lill-attur. Naturalment pero', kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti*

*l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attur jidher li l-konvenuta kellha biss il-hsieb li tkun tista' tibqa tghix Malta ghalkemm huwa kif jinghad bl-ingliz kellu *crush* kbira fuqha. Il-Qorti hija konvinta illi l-konvenuta qatt ma kellha hsieb li jkollha tfal u dan jikkostitwixxi wahdu raguni ghaliex zwieg jigi dikjarat null – ara s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Anna Galea vs John Walsh deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 1995. Hemmhekk intqal illi; "*L-eskluzjoni jinghad li trid tkun posittiva fis-sens li mhux bizzejjed li jkkun hemm nuqqqas ta' xi element essenzjali izdairid ikun hemm volonta' posittiva li teskludi tali element*

*essenzjali.*" Is-sentenza enfasizzat ukoll li tali eskluzjoni tista' tigi provata mill-attegjament ta' dik il-parti anke jekk ma jkunx hemm prova cara illi dik il-parti esprimiet dan bil-kliem. Jidher ukoll mill-attegjament tal-konvenuta li ghalkemm hija ta' religjon kattolika, kienet influwenzata mill-kultura ta' pajjizha li z-zwieg jista' jigi xjolt minghajr diffikolta'.

Mill-banda l-ohra jidher ukoll li l-attur kien nieqes mill-maturita' meta dahal fiz-zwieg u kien messu nduna li z-zwieg ma kienx destinat li jdum wisq. Dan il-fatt ghalhekk se jkun rifless fil-kap tal-ispejjes.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fis-6 ta' Marzu 2000. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------